TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 101/14-F

**Doris u Edgar Buttigieg**

**vs**

**Arnold Vella – Fair Deal Furniture**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), rappreżentanti l-prezz ta' saqqu li wara ftit beda jimmoffa u jitqatta'.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw saqqu għall-prezz ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), u wara ftit xhur dan is-saqqu beda jimmoffa u jitqatta'. Huma għamlu minn kollox sabiex jippruvaw isolvu din il-problema, pero' l-intimat ma tantx jidher li ta każ.

L-intimat ma deherx għas-seduta, pero bagħat l-avukat tiegħu fejn informa lit-Tribunal li kien lest biex isolvi l-problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat kellu biżżejjed żmien sabiex jipprova jsolvi l-problema u m'għamel xejn, u lanqas biss indenja ruħu jattendi għas-seduta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' erba' mija, u ħamsa w sebgħin ewro (€475), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888